# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.6

**Kap 5: Wasal il-Milied**

**Lezzjoni 5.6: X'lejl sabiħ kien!**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

1. Jifhmu l-irwol importanti tar-rgħajja.
2. Jifhmu li Ġesù twieled kemm għas-sinjur u kemm għall-fqir.
3. Jifhmu l-importanza li titlaq kollox warajk biex tqim lil Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Bibbja;
- Stampa tar-rgħajja;
- vidjow klip tal-kanzunetta 'Let's go'
- Karta ta' taħriġ 5.5.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal min jaħsbu li kienu l-ewwel nies li marru jqimu lil Ġesù.
- Staqsi lit-tfal x'jafu dwar ir-rgħajja; x'tip ta' nies kienu, x'kien xogħolhom eċċ.
- Oħroġ il-fatt li r-rgħajja kienu nies fqar u sempliċi u uri lit-tfal stampa tar-rgħajja biex issaħħaħ l-ispjegazzjoni.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Aqra mill-Bibbja l-ġrajja ta' meta f'nofs ta' lejl waqt li kienu qed jirgħu lin-nagħaġ lir-rgħajja dehrilhom anġlu u tahom l-aħbar li kien twieled Ġesù.
- Spjega lit-tfal kif ir-rgħajja mill-ewwel telqu kollox minn idejhom u marru jfittxu l-għar fejn twieled Ġesù.
- Oħloq diskussjoni billi tistaqsi mistoqsijiet bħal:
    - X'taħsbu li ħassew ir-rgħajja meta ħadu din l-aħbar?
    - X'taħsbu li ħassew Marija u Ġużeppi meta raw lir-rgħajja?
    - Aħna lesti li nitilqu kollox biex bħar-rgħajja mmorru nqimu lil Ġesù?

- Agħti eżempji konkreti bħal:
    - Ġieli fallejna l-Mużew biex qgħadna d-dar nilagħbu?
    - Jew bqajna reqdin u ma morniex il-quddies?
    - U dan il-Milied fejn se jkun moħħi - fir-rigali jew se nfittex lil Ġesù billi nattendi attivitajiet reliġjużi (eż immur il-purċissjoni jew inżur xi presepji)?
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.5 u spjegalhom li l-istampa trid tkun inpinġija.
- Ħajjar lit-tfal imorru d-dar, jgħidu l-istorja tar-rgħajja lill-ġenituri jew lil min jieħu ħsiebhom u jpinġu l-istampa d-dar.
- Spjega bħala klassi x'għandu jsir f'Attività 2 u flimkien mat-tfal poġġi l-kliem li qalu r-rgħajja f'posthom.
- Iddiskuti l-attività Sam u Tara kif bħar-rgħajja aħna nistgħu nkunu ferħanin b'Ġesù.
- Orbot mal-lezzjoni li jmiss billi tistaqsi:
    - Għaliex taħsbu li Ġesù għażel li jitwieled f'għar fqir?
    - U għaliex l-ewwel nies li ġew iqimuh kienu l-akar nies sempliċi?



**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ir-rgħajja ħallew kollox warajhom biex imorru jfittxu lil Ġesù.
2. L-ewwel nies li marru jqimu lil Ġesù kienu nies mill-aktar sempliċi.
3. Dan ifisser li għalkemm Ġesù huwa persuna importanti, huwa twieled għal kulħadd.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jagħmlu sforz li dan il-milied ser jagħtu ħafna attenzjoni lil Ġesù u inqas attenzjoni l-affarijiet materjali (eż rigali, parties eċċ) avolja dawn huma sbieħ ukoll.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta [‘Let’s go’] u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



**Nitolbu**

O Ġesù, għinni biex dan il-Milied inkun bħar-rgħajja u ma nitlifx ħin biex niġi nqimek.

